

II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1793

tas-6 ta' Ottubru 2021

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għat-tonn obeż fl-Ocean Atlantiku għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2021.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdet tal-istokk tat-tonn obeż li li saru fl-Ocean Atlantiku mill-bastimenti li jtajru l-bandiera Portugiża jew li huma rreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2021.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti ġerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Portugall għall-istokk tat-tonn obeż fl-Ocean Atlantiku għall-2021 li hemm referenza għaliha fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall jew li huma rreġistrati fih għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabda minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rrilokat, ittrażbordat jew li jinħatt l-art.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal-ċerti stokkijiet tal-ħut u ġerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmjiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 31, 29.1.2021, p. 31).

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

Nru	17/TQ92
STAT MEMBRU	Il-Portugall
STOKK	BET/ATLANT (inkluż BET/*ATLLL u BET/*ATLPS)
SPEĊI	Tonn obeż (<i>Thunnus obesus</i>)
ŻONA	L-Ocean Atlantiku
DATA TAL-GĦELUQ	20.9.2021